**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Priscilla Caruana Lee)**

**vs**

**Alfred Zahra**

**Seduta Distrett Valletta**

**Illum 11 ta' Mejju, 2018**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Alfred Zahra** detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 652358 (M) billi huwa akkuzat talli nhar l-01 ta' Frar, 2018 ghall-habta ta' bejn 08.45 hrs u 09.00 hrs ta filghodu, gewwa l-bini tal-Qorti, quddiem l-Awla numru 12, fil-Belt, Valletta:

1) Bil-hsieb li jtellef jew inaqqas l-gieh ta' Carmelo Spiteri, weggghu bi kliem, b'gesti jew b'mod iehor.

2) Kull min, fi proceduri civili jew kriminali, jikkorrompi xhud, perit jew xi interpret, sabiex jaghti xiehda falza, jew jaghmel perizja falza jew jaghti tifsir falz, jehel, meta jinsab hati.

3) Naqas li josserva jew kiser obbligazzjoni ta' penali mposta fuqu min ordni li nharget b'sentenza definnitiva datata 15 ta' Gunju, 2017, mahruga mill-Magistrat Dr Charmaine Galea LL.D., fejn il-Qorti kienet

ipprovdiet ghas-sigurta ta' Carmelo Spiteri ghall-perjodu ta' zmien sena fuq penali ta' €2000.

Il-Qorti giet ġentilment mitluba sabiex tipprovdi għas-sigurtà tal-persuni offiżi jew individwi oħra jew għaż-żamma tal-ordni pubblika, jew għall-iskop ta' protezzjoni tal-persuna leża jew ta' individwi oħra minn fastidju jew imġieba oħra li tikkaġuna biża ta' vjolenza, toħroġ ordni ta' protezzjoni kontra l-akkużat.

Rat l-imputazzjonijiet;

Rat id-dokumenti;

Semghet il-provi;

Rat l-Artikoli ndikati;

(1) & (2): Kunflitt ta' provi – liberat.

(3): Ma tirrizultax – liberat.

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**